**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Nazzareno Abela**

**Illum 30 ta' Mejju 2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Nazzareno Abela, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 41684(M).

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Mejju, 2016 ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00hrs) gewwa x-Xatt ta' San Gorg u f'inhawi ohra f'San Giljan:-

1. Ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lis-Surgent PS 845 I. Vella u l-kuntistabbli PC 1492 J. Caruana, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

2. Talli saq motor-car jew vettura ohra ta' l-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni CUT 344 b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.

3. Saq jew prova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura tal-ghamla Fiat b'numru ta' registrazzjoni CUT 344 fi triq pubblika meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

4. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi.

5. Kiser il-bon ordni u l-paci b'ghajjat u glied.

6. Nakkuzah ukoll talli fil-lejl ta' bejn id-29 u t-30 ta' Mejju 2016 gewwa 'il-lock up' tad-Depot tal-Pulizija fil-Floriana volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fis-sink u s-saqqu tal-lock up liema hsara ma tkunx tiskorri l-elfejn u hames mitt Ewro (2,500), izda hija izjed minn mitejn u hamsin Ewro (250).

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti mill-prozekuzzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-eventwali koperazzjoni tieghu ma'l-ufficjal investigattiv, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 325(1)(b) u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1) u 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kaptiolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn, multa ta' tmien mitt Euro (€800) li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur u b'applikazzjoni

ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlett xhur ihallas lill-parte leza, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-somma ta' erbgha mija hamsa u sittin Euro (€465). In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sitt xhur.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**